# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru erbgħa u għoxrin (24) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-3 ta' Ġunju, 2014, fis-6.05pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-Minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati wara li sarulhom il-korrezzjonijiet kollha proposti waqt is-seduta u wara li kienu proposti mis-Sindku u sekondati minn Grace Marie Mallia u ġew approvati unanimament.

**PUNTI MILL-MINUTI**

3. Dwar il-proposti biex jittaffew id-diffikultajiet kaġunati mill-għargħar waqt ix-xita fil-lokalita' tagħhna, is-Sindku iddikjara li ma kien hemm l-ebda żvilupp.

4. Nicholas Briffa qal li wara li kien iffirmat tal-Fond għat-Titjib Urban fil-MEPA, is-SE niżel għall-poster kbir li twaħħal fil-bandli li juri li l-proġett se jkun parzjalment iffinanzjat mill-MEPA u wkoll għall-kopja tal-istess kuntratt li kien jonqsu l-firma tac-Chairman tal-MEPA.

5. B'riferenza għas-sit fuq il-Facebook, is-Sindku qal li jidher li hemm feedback pożittiv, filwaqt li kemm il-messaġġ li ħalla l-kunsillier Paul Spiteri u ieħor mis-SE biex jingħalaq is-sit l-antik tal-Kunsill taż-Żgħażagħ, ġew injorati mill-amministratur tal-paġna.

6. Is-Sindku semma' wkoll iż-żjara tas-Sinjorina Debono Grech għan-nom ta' Transport Malta dwar in-nuqqasijiet f'toroq arterjali. Hu qal li issa għandna risposta illi l-karozzi tal-linja mhux se jibqgħu jgħaddi minn Misraħ il-Fidwa. Intant dwar it-talba tal-KLM biex jiċċaqlaq tal-Bus-Shelter fi Triq tas-Sejba, is-Sindku qal li dan se jsir ukoll. Nicholas Briffa qal li f'dan is-sit għandha wkoll issir zebra crossing biex jaqsmu minn fuqha n-nies.

7. Nicholas Briffa semma' il-lampi l-ġodda fi Triq Gorg Martin, fejn iċ-ċimiterju u fl-iSqaq tal-Isqof, li hemm bżonn li napplikaw għalihom. Is-SE qal li kif ikollu d-dettalji fejn iridu jiġu (fuq is-site plan), ikun jista' jressaq it-talba lill-Korporazzjoni Enemalta għall-vetting.

8. Intant se ssir talba formali sabiex Transport Malta tasfalta Triq Gorg Martin u Triq il-Friefet (isem propost fil-laqgħa preċedenti u għalhekk mhux uffiċjali). Is-Sindku kompla jissuġġerixxi sabiex kopja ta' din l-ittra tintbgħat lir-residenti ta' dawn it-toroq ħalli jkunu jafu illi l-KLM ressaq it-talba.

9. Is-Sindku qal illi bagħat ittra fejn feraħ lill-Kap tal-Iskola Primarja tal-Imqabba għas-suċċess li nkiseb biex l-iskola ingħatat il-*Green Flag* għal tliet snin konsekuttivi. Hu qal li ra illi dan is-suċċess kien jimmerita' li jidher fuq il-paġna ta' quddiem tal-fuljett ħarġa numru ħamsa. Il-kontenut tal-fuljett ġie approvat.

10. Nicholas Briffa qal li għal-laqgħa annwali tar-Reġjun Nofsinhar attendew kemm hu kif ukoll is-SE. Infatti Paul Spiteri ma attendiex għal din il-laqgħa peress kien jirrappreżenta lill-KLM fl-attivita' tal-*Club tal-Football Nursery.*

11. Is-Sindku qal li l-flyer li se jippromwovi l-kors tal-I Kids tat-TCTC mhux possibbli li jkun imqassam mal-fuljett tal-KLM għaliex qiegħdin tard. Għaldaqstant dan se jkun imqassam b'*mail shot*, filwaqt li l-bill board li wkoll se jkun qed jippromwovi l-istess kors se jkun imwaħħal flok dak ta' Puttinu Cares fid-daħla tal-Imqabba. Il-kunsillieri staqsew lis-Sindku jekk l-istess bill-board hux se jużawh tal-Każin tal-Madonna tal-Ġilju. Ir-risposta kienet fin-negattiv.

12. Dwar it-talba tal-ismijiet tat-triq u tal-ġnien, għad m'għandniex risposta u s-Sindku qal li jista' jkun illi dawn jiġu jagħmlu spezzjoni fuq il-post. Għaldaqstant is-SE kien imqabbad jibgħat reminders tat-talbiet tagħna.

13. Il-konkorrenza kbira fil-ġbir tal-ħwejjeġ minn Greenpak Co-op għall-Inspire kienet ta' kontribut biex issir karita' tramite l-uffiċċju tal-Kunsill. Intant dawn inġarru f'żewġ vjaġġi mill-kollettur tal-iskart tagħna dejjem f'vann nadif.

14. Issemma' parkeġġ ħażin fuq kaxxa tal-persuni b'diżabilita' fi Triq Valletta li minn stħarriġ li sar din kienet ingħatat għaliex ma kull numru ta' kaxxi bojod li jsiru, trid bil-fors takkomoda parkeġġ għal min għandu nuqqas ta' mobbilita' permezz tal-kartuna l-bluna.

15. Nicholas Briffa wkoll iddikjara illi wara li nżammet il-laqgħa fil-Muniċipju dwar trabijiet tal-barriera ta' Joe Zahra fi Triq tas-Sejba, ma kien hemm l-ebda żvilupp. Intant is-SE qal li irċieva telefonata mis-Surgent taż-Żurrieq li ma setax jattendi għal din l-istess laqgħa biex nibgħatulu e-mail dwar l-eżodu ta' din il-laqgħa.

16. Dwar is-siġar ta' quddiem iċ-ċimiterju Paul Spiteri qal li għandna naqilgħuhom skont kif kien maqbul mill-kunsill preċedenti għax dawn qed idellu l-għalqa u l-istess bidwi mhux qed jieħu prodott tajjeb.

**AGENDA**

17. Għall-mawriet t'Għawdex, is-Sindku qal illi għamilna sew li qsamnihom fi tnejn filwaqt illi l-ikel tas-Seashells Restaurant tax-Xlendi, ħadu gost bih. Intant hu faħħar l-inizjattiva li ttieħdet mill-kunsillier Grace Marie Mallia illi dawn imorru l-Museum ta' Karmni Grima biex l-istess ħarġa jkollha laqta reliġjuża/kulturali.

18. Grace Marie Mallia infurmat lill-KLM illi għall-ħarġa ta' Sqallija diġa' hemm tlieta u għoxrin ibbukkjati u mħallsa. Intant qed isiru l-aħħar arranġamenti mat-tour leader sabiex għax-Xatt ta' Pintu naqilgħu coach jew żewġ vannijiet, filwaqt li qalet illi l-program diġa' hu miftiehem u l-grupp irid jitlaq mill-Imqabba fit-3.00am.

19. Is-Sindku qal li llum sar l-aħħar proof reading tal-ħarġa numru ħamsa tal-fuljett tal-Kunsill u dan hu mistenni li jagħtihulna fil-bidu tal-ġimgħa d-dieħla. Intant il-kunsillieri se jkunu qed jgħaddulna l-messaġġ għall-ħarġa tal-fuljett ta' Awwissu sa mhux aktar tard mis-16 ta' Lulju, 2014.

20. Kien hemm diskussjoni dwar it-toqob il-ġodda tal-ħofor għall-antarjoli tal-festa. Dwar dan, is-Sindku qal li dawn lesti bil-konkos jiġuna xi €60-il waħda filwaqt li jekk nagħmluhom bin-nies tagħna dawn se jiġuna €10-il waħda. Nicholas Briffa qal li aħna kellna nħaffru xi sitt toqbiet u taħt ħamsa minnhom sibna l-wires tal-elettriku u għalhekk ma setgħux jitħaffru. Bi tħejjija wkoll għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju, issa l-ħaddiema tagħna irrinfriskaw il-bays tal-kiosks filwaqt li għad hemm problema bl-għoti tal-permess tal-kabbani tat-toys fi Triq id-9 ta' April.

Grace Marie Mallia talbet illi ssir ordni għall-bukkett fjuri bojod quddiem l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju. Intant issemma' wkoll is-servizz ta' gwardjan fil-knisja s-Sibt 14 ta' Ġunju, bejn is-7.00pm u l-11.00pm, filwaqt li s-Sindku talab l-għajnuna tal-kunsillieri sabiex dak in-nhar jingħalqu t-toroq għal ħabta tal-5.00pm. Dwar id-drink li jingħata lill-Kumitat tal-Festa, dan se jsir il-Ħamis ta' wara l-festa għal ħabta tas-7.30pm. Se jingħata wkoll voucher fil-kunċert strumentali lill-istess soċjeta' bħala apprezzament tas-servizzi li qed tagħti b'risq il-kultura tal-mużika. Id-drink tal-bandisti se jingħata wkoll mill-KLM nhar il-Festa fil-marċ ta' nofs-in-nhar.

21. B'riferenza għall-osservazzjoni li kien hemm mis-SE għas-soqfa tal-Isptar il-Qadim tal-Birthing Chamber, is-Sindku qal li dan kien xogħol urġenti. Hawn is-SE qal li kieku waqa' travu li kien qed jiddendel, kienu jaqgħu miegħu żewġ fillieri ta' xoroq tal-qasba, li ovvjament kienu jinkisru u jkunu jridu jsiru ġodda għal spiża ferm akbar. Għaldaqstant dan ix-xogħol verament urġenti kien kummissjonat. Michel Farrugia spjega li kien hemm it-travi imsewsin kollha u kienu jinħtieġ illi jinbidlu milli jaqgħu il-bjut u joqtlu 'l xi ħadd. Hu rrakkomanda lill-KLM illi dawn il-bjut għandhom jitnaddfu spiss għaliex hemm ħafna siġar li qed iwaqqgħu ħafna weraq li jekk ikunu injorati, isoddu l-katusi tal-ilma tax-xita u jidħol ħafna ilma fis-soqfa li jkompli jnawru t-travi tal-injam. Intant se naraw ukoll l-aktar travu li jfarfar trab, dak tal-kċina, hux tajjeb biex jiflaħ il-bejt mgħobbi wkoll bit-tank tal-ilma. Il-KLM talab lil Michel Farrugia, peress li għandu ċerta esperjenza, sabiex jagħmel superviżjoni fuq dawn ix-xogħlijiet, b'mod volontarju.

22. Infetħet il-kwotazzjoni tax-xogħlijiet għal xogħol fil-kantina fuq it-taraġ garigor kif avżata fil-gazzetta tal-gvern u fil-Malta Independent. Għal din l-istima sibna waħda, dik ta' Agius Marble Works li kienet tammonta għal €2,240 + VAT.

23. Is-Sindku qal illi x-xogħlijiet tal-ġnien f'Misraħ il-Fidwa hu ttamat li jiġi inawgurat dal-waqt, fil-waqt illi bħal issa qed jitħalleb kollu u fadal biċċa mill-passaġġ li se ssir għada. Wara dan ikun jonqos illi jitwaħħlu l-bankijiet u jitqiegħed is-safety flooring. Hu qal illi jekk se nieqfu mix-xogħlijiet fil-ġimgħa tal-festa, se mmorru lura filwaqt li qal li r-raġuni kienet minħabba it-trab li issa jidher li ma fadalx x'jinqala'. Hu qal li l-kuntrattur tas-safety flooring talab li jitqiegħed it-tapit bil-fil mitluf għal raġunijiet li spjega fl-e-mail tiegħu u mhux skont ir-rakkomandazzjoni tal-perit. Il-kunsillieri saħqu illi l-equipment għandu jitwaħħal hekk kif ikun hemm is-cctv's jaħdmu filwaqt li s-Sindku qal li dan il-week end se jibda' jixhel id-dawl li kien installat. Infatti se nkunu qed nagħmlu wkoll il-pilastri tal-ġebel li fuqha se jkun hemm id-diżinn tal-entratura li kien approvat mill-Kunsill. Sadanittant, is-Sindku qal li bi preparazzjoni għall-ftuħ tal-ġnien, irnexxielu minn fuq il-paġna tal-facebook kelma kelma, https://www.facebook.com/kelmakelma.mt/posts/716556608390824 isib it-taqbila ta' Onġi Onġella.

24. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba iddeċieda illi nhar l-Erbgħa, 18 ta' Ġunju, 2014 fl-10.00am issir l-attivita' li se tkun qed tippromwovi l-qari fil-librerija lokali. Fiha se jkun hem mil-President tar-Reġjun tan-Nofs-in-nhar jippreżenta għotja ta' €1,000 lis-Sindku biex jintefqu f'kotba. Matul l-attivita' is-Sindku qal illi ġej Jonathan Mcleish biex joqgħod jaqra lit-tfal.

25. Iċ-ċedola tal-pagamenti 482 kienet imressqa għal vot mis-sindku u kienet issekonda minn Paul Spiteri wkoll kienet approvata.

**PUNTI OĦRA**

26. Grace Marie Mallia qalet illi bus shelters huma inkallati u talbet lis-SE sabiex iċempel lill-kuntrattur dwar dan l-ilment.

27. Grace Marie Mallia qalet illi s-Sinjura Ġina Tanti, ta' Triq il-Barumbara qed toffri palma lill-KLM. Għaldaqstant il-ħaddiema tagħna se jmorru jarawha.

28. Is-Sindku qal li bdew il-korsijiet tal-Malta Communications Authority fl-Isptar il-Qadim li qed jieħu ħsiebhom is-SE biex jitħarrġu mhux biss nies mill-Imqabba, iżda wkoll persuni oħra interessati minn barra r-raħal.

29. Matul il-ġranet li għaddew kienet approvata Un/load bay quddiem C&G Hardware Store minn Transport Malta u dawn ġew jiżbgħuhielu. Hawn is-SE qal li l-każ qed jitqies bħala preċedent, fis-sens li min ibiegħ is-siment, għandha ssirlu waħda bħala awtomatikament biex ikun hemm ġustizzja ma dawn il-ħwienet minħabba saħħet il-konsumatur.

30. Kienet inawgurata l-iskema lokali tal-Librerija pubblika. Din tittratta l-għotja ta' €300 għal spiża ta' €600 f'kotba li se jinxtraw mill-KLM. L-inawgurar ta' din l-iskema sar fil-Birgu mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor Stefan Buontempo.

31. Għall-appuntament biex issir żjara ta' kortezija mal-ET il-President ta' Malta, is-Sindku irċieva l-appuntament għas-27 ta' Ġunju f'Nofs in-nhar. Intant Charlene Zammit talbet illi nippruvaw insibu appuntament ieħor għax dak in-nhar se tkun qed tagħmel l-aħħar eżami tagħha. *mhux parti mill-minuti – l-appuntament inghata ghal 14 ta' Lulju f'nofsin-nhar fil-palazz il-belt)

32. Is-Sindku bħala parti mill-korrispondenza li rċieva qara ittra tal-Onor Chris Agius fejn konna infurmati illi l-Gvern Ċentrali għal issa żamm l-għoti ta' *open gym* f'kull lokalita' minħabba tibdil fil-*portfolios* tal-Ministri.

33. Nicholas Briffa semma' wkoll ittra tas-Sur Edric Micallef għan-nom ta' Transport Malta fejn issa ingħatajna tweġiba fuq talbiet antiki li kienu saru mill-KLM.

34. Grace Marie Mallia talbet sabiex il-KLM jippubblika notifiki biex jitwaħħlu mal-Bus-Shelters waqt li jkun armat il-planċier tal-Każin tal-Madonna tal-Ġilju biex ħadd ma joqgħod jistenna tal-linja fuq bus-stops li ma jkunux qed jintużaw.

35. Din il-ġimgħa bagħtna l-proposti lill-GAL Xlokk dwar il-programm LEADER kif mitluba. Is-Sindku spjega dawn il-proposti li għalihom il-kunsillier ma kellhom l-ebda' oġġezzjoni għax huma ambizzjużi u pożittivi ferm.

36. Issemmiet toqba li tħaffret, tant li hija perikoluża fi Triq in-Nazzarenu kantuniera mas-service road tal-Konvoj ta' Santa Marija. Inċidentalment dak il-ħin tal-laqgħa telgħet persuna tkellem lis-SE dwar dan il-periklu.

37. Il-laqgħa intemmet fit-20:16pm u dik li jmiss se ssir nhar l-24 ta' Ġunju, 2014 fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*01/07/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |